



0063/2015

26.10.2015

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar it-tiġiħ tal-ħidma tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-Venezwela

**Dita Charanzová (ALDE), Izaskun Bilbao Barandica (ALDE),
Beatriz Becerra Basterrechea (ALDE), Maite Pagazaurtundúa Ruiz
(ALDE), Fernando Maura Barandiarán (ALDE), Andrew Lewer (ECR),
Ivan Štefanec (PPE), Javier Nart (ALDE), Teresa Jiménez-Becerril Barrio
(PPE), Renate Weber (ALDE), Juan Carlos Girauta Vidal (ALDE),
Ashley Fox (ECR), Davor Ivo Stier (PPE)**

Data ta' skadenza: 26.1.2016

Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, dwar it-tiġi tal-ħidma tal-Instrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-Venezwela¹

1. Minn mindu fl-2014 bdew il-protesti f'livell nazzjonali, il-Venezwela qed tesperjenza detergorament serju fir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż fil-forma ta' ċensura tal-midja, restrizzjoni tal-libertà ta' espressjoni, brutalità mill-pulizija, arresti arbitrarji u detenżjoni tal-oppożizzjoni politika u tal-attivisti favur id-demokrazija.
2. L-elezzjonijiet parlamentari pprogrammati għal din is-sena huma mhedda mill-fatt li l-gvern qiegħed attivament jippersegwita lill-oppożizzjoni politika; l-elezzjonijiet jistgħu jiddgħajfu ulterjorment mill-fatt li l-President ingħata s-setgħa li jiggverna bil-ħruġ ta' digrieti sal-31 ta' Diċembru 2015.
3. Nhar it-28 ta' April 2015, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà adottaw komunikazzjoni konġunta dwar Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija għall-perjodu 2015-2019, bil-għan li jsir użu aħjar mill-istrumenti eżistenti biex jiżdied l-impatt tal-UE fuq id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-politika esterna tagħha.
4. L-Instrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) tnieda fl-2007 biex jgħin fit-tiġi tas-soċjetà ċivili u jagħmilha forza dinamika għar-riforma demokratika, u biex jiddefendi d-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi li mhumiex fl-UE.
5. Għaldaqstant qed isir appell lill-Kummissjoni biex tiffaċilita b'mod attiv l-espansjoni tal-ħidma tal-EIDHR bħala appoġġ għas-soċjetà ċivili Venezwelana.
6. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kummissjoni.

¹ Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmsata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tīgi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.